SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 44/K8/17**

Data tal-laqgħa: 12 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi-Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (1)**

Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul – Kunsillier (Inc. 2420/18)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (4)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

44.1.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba li ma setax jattendi.

44.1.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġi skużat għal-laqgħa.

44.1.04 Saret sospenzjoni tal-Aġenda sabiex tiġi diskussa Inc. 1934/18 li ntbagħtet mill-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg, qabel l-approvazzjoni tal-Minuti. Din l-ittra tirrigwardja l-problema ta' xi residenti li joqogħdu f'Gort Street minħabba li saret platform f'ħanut li hemm f'din it-triq stess. Wara diskussjoni s-Segretarju nforma lill-Kunsill li huwa kellu laqgħa ma' dawn ir-residenti fejn ippropona li ġej:-

1. Tintbagħat ittra lill-MEPA biex jirrevedi l-permess tal-platform;

2. Biex jiġi kkunsidrat li jinbidel it-*traffic flow*.

Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lill-Planning Authority sabiex jiġi rivedut il-permess. Din l-ittra kellha tintbagħat mill-Kunsill u tiġi endorsjata mir-residenti. Ir-residenti li kienu preżenti ħargu mill-laqgħa u l-laqgħa tkompliet skond l-aġenda.

44.1.05 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy wasal fil-4.50p.m.

**44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

44.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 43/K8/18 għall-approvazzjoni.

44.2.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab li jkun kjarifikat minħabba li kien assenti għal-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li din il-karifika kienet diġa mniżżla fil-minuti.

44.2.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 43/K8/18.

44.2.04 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni.

44.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

44.2.05 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qajmet il-punt dwar l-item fejn ġie diskuss il-proġett tal-Pjazza tal-Balluta, fejn hi spjegat għaliex din ser issir il-Pjazza kollha b'permezz ta' survey li l-Perit Anthony Bezzina kien qiegħed jagħmel. Iċ-Ċermen spjega fuq il-proġett x'qed isir u għalhekk kien hemm qbil li nitolbu lill-Perit li dan is-*survey* ma jsirx.

44.2.06 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li ser issir laqgħa mal-Perit Demicoli dwar il-proġett ta' Spinola. Huwa informa lill-Kunsill li ser jintbagħtu ħin u data meta din il-laqgħa ser issir aktar 'l quddiem fejn ser jiġu nfurmati l-Kunsilliera.

44.2.07 Il-Kunsillier Edgar Montanaro staqsa dwar l-item li kien ġie diskuss dwar jekk l-*Active Enterprises* intbgħatitlux ittra minħabba l-*advertising barriers* li għandu fil-lokalita'. Is-Segretarju spjega li min-naħa tal-Kunsill intbagħtet ittra bl-Avukat biex fi żmien 5 t'ijiem jagħmel il-pagament u f'każ li dan ma jħallasx dawn jibdew jinqalgħu għas-spejjez tiegħu. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għal-laqgħa li jmiss titniżżel fuq l-aġenda l-*bye-law* ta' reklami fuq għamara tat-toroq sabiex din tkun tista' tiġi diskussa aktar fid-dettal.

44.2.08 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar 43.03.01 dwar l-istimi tar-resurfacing tat-toroq li qed jagħmel il-Perit Bezzina, li l-parti kbira ġew preżentati filwaqt li l-oħrajn ser joħorġu fil-jiem li ġejjin u kienu ser jibdew xi tiswijiet ta' toroq u bankini.

44.2.09 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab jekk kienx hemm żvilluppi fuq 43.7.01 fir-rigward it-*Town Managament Commitee*, huwa ġie nfurmat li għada l-Ġimgħa 13 ta' April 2018 ser issir laqgħa mal-*Permanent Secretary* tal-Ministeru tat-Turismu, maċ-Ċermen tat-*Tourism Foundation*, mas-Sur Mario Fava f'isem l-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali fost oħrajn u għalkemm huwa mistieden is-Sindku biss ser jattendu is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll iċ-Ċermen ta' Paceville is-Sur Michael La Rosa.

44.2.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvilluppi dwar l-Grawnd tal-Futbol, is-Segretarju nforma lis-Sur Sultana li huwa ltaqa' mad-Direttura għall-Gvern Lokali s-Sinjura Marisa Pisani u s'issa għadna qed nistennew approvazzjoni min-naħa ta' l-Aġenzija ta' l-Artijiet. Fl-istess laqgħa id-Direttura Pisani issuġġerit li nerġgħu nirriattivitaw l-applikazzjoni tagħna għad-dar ta' l-anzjani fuq art biswit l-iskola primarja. Kien hemm qbil fuq dan is-suġġeriment.

44.2.11 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar St. Patrick's li kif kienet organizzata kienet tajba li kien hemm aktar kontroll iżda kien hemm xi miżuri li jridu jiġu riveduti.

**44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

44.3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li sar bukett fjuri dwar il-Monument ta' Ċensu Tabone fejn kienet preżenti l-Eċċelenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca. Għal din iċ-ċerimonja kienu preżenti s-Sindku Guido Dalli, il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsillier Clayton Luke Mula.

44.3.02 Saret riferenza għall-platform li sar quddiem il-Każin tal-Banda, fejn il-bieraħ saret laqgħa mat-Transport Malta fejn kien preżenti wkoll is-Sindku Guido Dalli u din il-platform qiegħda skond il-liġi. Huwa nforma lill-Kunsill li l-*bus stop* li hemm faċċata ta' din il-*platform* ser tiġi temporanjament sospiża u ser ikun hemm tabella li għandu jintuża l-*bus stop* li hemm faċċata tal-Wembley.

44.3.03 *Health and safety* – Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-bieraħ hu u is-Segretarju Eżekuttiv ġew imressqa b'taħrika quddiem il-qorti għaliex ġie allegat li l-Kunsil naqas li jieħu azzjoni fuq issues ta' *health and safety*, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn il-miżuri kienu ttieħdu diġa kien hemm qbil li l-multa titħallas sabiex ma jitkomplewx il-proċeduri fil-qorti.

44.3.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kien ser isir pagament ieħor dwar ċ-ċitazzjonijiet li ngħataw qabel ma' bdew ir-Reġjuni. Dan il-pagament daħal.

44.3.05 Inqrat l-istedina mibgħuta mill-Municipita' ta' Kunszentmiklos sabiex titla' delegazzjoni għall-festival tal-ġemelaġġ. Wara diskussjoni kien hemm qbil li titla' din id-delegazzjoni magħmula mis-Sindku Guido Dalli, il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg, il-Kunsillier Martin John Sultana, il-Kunsillier John Agius u l-Kunsillier Clayton Luke Mula, ser ikun hemm ukoll persuna taħdem il-filigranu, persuna oħra taħdem il-bizzilla, kif ukoll żewġ persuni li ser jagħmlu żfin u daqq tradizzjonali Malti. Fl-istess waqt il-Kunsill ġie nfurmat li delegazzjoni minn Kunszentmiklos ġejja Malta fl-4 ta' Mejju 2018, għal din l-okkażjoni waqt li l-Kunsill qiegħed jorganizza serata folkloristika fil-Pjazza tal-Balluta.

44.3.06 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill fir-rigward l-attendenza tal-Kunsilliera Rita Dimech Portelli, il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy u l-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg minħabba li naqqsu milli jattendu għal aktar minn terz tal-laqgħat f'sitt xhur. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li min-naħa ta' l-Amministrazzjoni

ser tintbagħat lis-Sur Adrian Mifsud sabiex il-post tagħhom ma jiġux iddikjarati vakanti, dan minħabba li n-nuqqas ta' l-attendenza tagħhom kienet ġustifikata.

44.3.07 Saret riferenza għall-pont tal-proġett tat-taraġ ta' Wied Għomor. Iċ-Ċermen ġab tlett stimi sabiex isir dan it-taraġ. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tintagħażel l-istima ta' *Anti-Slip Solution*.

**44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

44.4.01 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula talab li peress li f'jum il-lokalita' ma saret l-ebda atttivita', talab li isir *coffee morning* għall-attivita' tal-*Mother's Day*. Is-Segretarju infurmah li hu flimkien mal-Kunsillier John Agius ser ikunu qed jorganizzaw xi *coffee morning* għal *Mother's Day*.

44.4.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar is-servizz tas-*shuttle bus* li jsir kull sena mill-Balluta, biex nibdew naħdmu fuqha minħabba li dan jibda f'Ġunju.

44.4.03 Iċ-Ċermen ressaq għal-konsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-kuntrattur tal-parks and gardens minħabba nuqqasijiet kontinwi. Is-Segretarju nforma li huwa kien kiteb diversi drabi lil dan il-kuntrattur u nħarġu wkoll diversi *default notices.* Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-kuntrattur sabiex jirregolarizza ruħu iżda sadanitant il-pagament tax-xahar ta' Marzu ma jinħariġtx sakemm dan jirregola ruħu.

44.4.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet meta qed jitnaddfu il-*bring in sites* minħabba li tal-Balluta qed ikunu mimlijin ħafna. Is-Segretarju infurmaha li dawn jitnaddfu regolari u meta jkunu mimlijin għandha tavżana li jkunu mimlijin.

44.4.05 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg qajjem il-punt dwar l-istat diżastruż ta' Triq Zammit Clapp. Dan minħabba li fejn qed jinbena it-triq qiegħda fi stat diżastruż. Huwa ġie nfurmat li diġa ntbagħtet ittra lill-*Building Regulations Office*.

44.4.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar l-ilma li kien qiegħed jidħol ġewwa r-residenza li hemm ġo Main Street kawża tal-*culverts* li hemm. Huwa ġie nfurmat li min-naħa tal-Kunsill intbagħat il-Perit tal-Kunsill.

**44.5 Emenda dwar il-Bye-Law ta' 2008 dwar Xorb f'kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum ta' Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi;**

44.5.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar il-Bye-Law ta' Xorb f'kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum ta' Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi. Huwa nforma lill-Kunsill li qabel l-*bye-law* kienet speċifikament għal ċertu postijiet ġewwa San Ġiljan (fl-area ta' Paceville), iżda din għandha tiġi emendata għal-lokalita' kollha ta' San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li din il-*bye law* tiġi emendata biex tiġi applikabbli għal-lokalita' kollha.

**44.6 Proġett flok il-Bini ta' l-ITS**

44.6.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar il-*public hearing* li kien sar dwar il-proġett flok il-Bini ta' l-ITS. Il-Kunsill qabel li dan il-proġett huwa ppjanat fil-konfini ta' San Giljan u għalhekk bħala Kunsill għandna noġġezzjonaw u nissottomettu objection meta jkun hemm talba għall-iżvillupp.

**44.7 Talbiet żgħar;**

**44.7.01 Korrispondenza dwar il-proġett ERASMUS; (Inc. 1889/18, 1892/18)**

44.7.01.01 Saret referenza għall-korrispondenza dwar il-proġett ERASMUS. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li min-naħa tagħna ser nkunu qed nikkuntattjaw lis-Sur Fenech biex il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa f'dan il-proġett.

**44.7.02 E-mail mingħand il-Perit Toni Bezzina fir-rigward l-oġġezzjoni għall-proġett PA/02479/16. (Inc. 2091/18)**

44.7.02.01 Il-Kunsill ġie nfurma bl-oġġezzjoni li ġiet sottomessa fir-rigward il-proġett PA/02479/16.

**44.7.03 E-mail mingħand it-Transport Malta fir-rigward l-parkeġġ il-ġdid fi Triq Santu Wistin (Inc. 2184/18)**

44.7.03.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mingħand it-Transport Malta fir-rigward arranġament ġdid għall-parkeġġ fi Triq Santu Wistin.

**44.7.04 Email fir-rigward il-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018 (Inc. 2279/18);**

44.7.04.01 Saret referenza għall-email mingħand il-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill xtaq jipparteċipa u għalhekk kien ser jgħaddi din il-korrispondenza lill-Kunsillier Adrian Domenic Ellul biex iressaq il-proposta tiegħu.

**44.7.05 Email mingħand is-Sur Roderick Fenech f'isem R. Developments dwar San Gwann Farm Change of use (Inc. 2363/18)**

44.7.05.01 Il-Kunsill ġie nfurmat mingħand is-Sur Roderick Fenech f'isem R.Development dwar San Gwann Farm Change of use.

**44.7.07 Email mingħand is-Sur Joseph Azzopardi f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ESF.04.0073 - 'PA+'– Local Council's Training Programme (Inc. 2417/18)**

44.7.07.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sur Joseph Azzopardi f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ESF.04.0073. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill m'huwiex interessat.

**44.7.08 Email mingħand is-Sur Nicholas Desira f'isem OK Medical dwar *National Hearing Screeing Initiative*. (Inc. 2428/18)**

44.7.08.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sur Nicholas Desira f'isem OK Medical dwar *National Hearing Screeing Initiative*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill japplika għan-*National Hearing Screeing Initiative.*

**44.7.09 Ittra mingħand l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi dwar avviż fil-magażin (Inc. 2476/18)**

44.7.09.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi dwar avviż fil-magażin li jsir kull sena. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel l-avviż tiegħu fuq dan il-magażin.

44.7.10 Il-Kunsill ġie nfurmat b'invit għall-Ordinazzjoni tad-Djakonat nhar il-Ħadd 22 ta' April 2018. Kull min hu interessat mill-Kunsilliera jistgħu jattendu.

44.7.11 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir *launching* ta' electric car sharing. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Edgar Montanaro jattendi.

44.7.12 Inqrat il-korrispondenza mibgħuta minn Dr. Franco Vassallo dwar applikazzjoni ta' żvilupp fis-sit ta' Villa Ignatius. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nissottomettu l-oġġezzjoni tagħna.

44.7.13 Il-Kunsill ġie nfurmat li nbagħatet ittra ta' rigrazzjament mingħand l-Għaqda tal-Briju ta' San Ġiljan dwar l-opportunita' li tajna lil dan il-grupp biex itella' stand fil-festa ta' San Patrizju.

44.7.14 Ġejna nfurmati bi skema tal-Housing li kienet introdotta fil-housing biex jgħin lill-inkwilini jirranġaw il-komun fil-blokki tas-social housing. Ingħataw €4,000 għal proġett simili fi Blokk A, fi Triq Lapsi. Il-Kunsill għandu jiffirma aktar tard il-ftehim biex isiru dawn ix-xogħolijiet.

44.7.15 Il-Kunsillier Edgar Montanaro u l-Kunsilier Martin John Sultana ġew skużati fis-7.15p.m.

44.7.16 Saret riferenza għal-email mingħand is-Sur Anthony Curmi fuq diversi punti. L-Kunsill kien ser jieħu azzjoni fuq dak li hu possibli jsir.

44.7.17 Il-Kunsill irċieva email mingħand is-Sur Mario Fava dwar seminar dwar il-Fondi ta' EU. Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera li f'każ li huma interessati jkunu jistgħu jattendu.

44.7.18 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġewwa l-Bajja ta' San Ġorġ ser ikun qiegħed jiżdied ir-ramel.

44.7.19 Iċ-Ċermen tkellem mal-kuntrattur tal-*public convenience* dwar is-sitwazzjoni tal-public toilets li hemm ġewwa l-Balluta. Dan sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni tal-public toilets minħabba li qegħdin fi stat ħażin.

44.7.20 Saret riferenza għall-email mingħand Fr. Hilary Tagliaferro għal stedina lill-Kunsill li ser issir għada l-Ġimgħa 13 ta' April 2018, iżda l-Kunsilliera ma jistgħux jattendu minħabba li għada ser ikun hemm il-laqgħa tal-lokalita'. Huwa talab li jingħataw donazzjoni, iżda l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet skond il-liġi imma lest li jgħin mod ieħor.

44.7.21 Saret riferenza għall-email dwar talba għall-residential parking ġewwa Triq il-Karmelitani, Triq is-Sur Fons, Triq Scicluna u parti minn Triq Manwel Dimech. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jagħmel talba lit-Transport Malta biex napplikaw għar-residential parking f'dawn it-toroq.

**44.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

44.08.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 39/KA2/18 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**44.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

44.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'A')

44.9.02 Il-Kunsill qiegħed japprova li l-iskeda tal-pagamenti jinħarġu iżda għalissa l-pagamenti ta' l-kuntrattur WM Environment għax-xahar ta' Marzu mhux qed jiġi approvat sakemm il-kuntrattur jirregola ruħu.

44.9.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom skond kif ġie deċiż hawn fuq.

44.9.04 Il-Kunsillier Clayton Gregoracy issekondah skond kif ġie deċiż hawn fuq.

**44.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

44.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4397 sa 4415.

44.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**44.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

44.11.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2018 fl-4.30p.m.

44.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 10 ta' Mejju 2018